# 8. Bjuda

Għaddiet is-sħaba, is-sħaba bajdanija
li l-qamar satret, niżżlet ħjut ta’ xita
kollha tal-fidda, u qamu donnhom b’seħer
susann u ġiżi.

Il-qamar reġa’ feġġ mimli u mfaqqa’,
abjad iżjed mis-silġ ta’ fuq il-għolja;
il-kwiekeb dehru jiddu bħal ferħ naħal
ma’ qolla mfidda.

Fil-baħar dehret triq kollha djamanti;
hemm ġewwa l-lewża li ftit ilu żahret
il-għasfur ta’ billejl għanjietu jfesdaq
fl-għelieqi mdawla.

Madwar il-barumbara li filgħodu
bajjad is-sid, il-ħamiem abjad rieqed
joħlom il-benna ta’ rebbiegħa hienja
ta’ safa u bjuda.